

Mistoqsija għal tweġiba orali O-000146/2013

lill-Kunsill

Artikolu 115 tar-Regoli ta' Proċedura

Krzysztof Lisek, Inese Vaidere

f'isem il-Grupp PPE

Suġġett: L-attivitajiet illegali tar-Russja matul il-linja ta' okkupazzjoni fil-Ġeorġja

Matul dawn l-aħħar xhur, l-istallazzjoni ta' ostakli artifiċjali matul il-linja ta' okkupazzjoni fir-reġjuni Ġeorġjani tal-Abkażja u fir-reġjun tat-Tskhinvali/l-Ossezja tan-Nofsinhar żdiedet b'mod rapidu u saret estremament aggressiva. Sa mis-17 ta' Settembru 2013, il-forzi ta' okkupazzjoni Russi reġgħu bdew l-istallazzjoni ta' stekkat tal-barbwire u foss matul il-linja ta' okkupazzjoni fir-reġjun tat-Tskhinvali, b'mod partikolari, fil-villaġġi ta' Ditsi u Dvani, id-distrett ta' Gori u Dvani, id-distrett ta' Kareli, kif ukoll matul il-linja ta' okkupazzjoni fir-reġjun Ġeorġjan tal-Abkażja. Iż-żona ta' territorji okkupati tkabbret b'diversi mijiet ta' metri għas-spejjeż tal-art ikkontrollata tal-Ġeorġja. L-attivitajiet imsemmija hawn jiksru l-integrità territorjali tal-Ġeorġja, joħolqu sfida sinifikanti għall-istabbiltà u s-sigurtà f'dawn ir-reġjuni u joħolqu diffikultajiet sinifikanti għar-residenti fuq iż-żewġ naħat tal-linji okkupati. Il-libertà ta' moviment taċ-ċittadini hi kompletament ristretta minħabba li d-djar u l-art agrikola huma mifruda minn stekkat ta' barbwire u l-aċċess għall-art agrikola, l-iskejjel, is-servizzi mediċi ta' emerġenza, iċ-ċimiterji, is-sistema ta' forniment tal-ilma għall-irrigazzjoni u għax-xorb hu magħluq. L-educazzjoni fil-lingwa materna mhijiex possibbli, iċ-ċittadini m'għandhom l-ebda dritt jipparteċipaw fl-elezzjonijiet u d-drittijiet politiċi, ekonomiċi, kulturali u soċjali tagħhom huma ristretti. Iċ-ċittadini ta' dawn it-territorji qed ikunu mġiegħla jħallu l-postijiet ta' residenza permanenti u jsiru Persuni Spustati f'Pajjiżhom (IDPs).

Fid-dawl tal-iżviluppi reċenti nixtiequ li l-Kunsill jirrispondi l-mistoqsijiet li ġejjin:

1. X'inhi l-pożizzjoni attwali tal-Kunsill fir-rigward tas-sitwazzjoni msemmija hawn fuq?
2. Liema miżuri ħa l-Kunsill s'issa u liema miżuri għandu l-ħsieb li jieħu bil-għan li jintensifika t-taħdidiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni Russa biex ikun żgurat li din tal-aħħar tonora inkondizjonatament id-dispożizzjonijiet kollha tal-ftehim ta' waqfien mill-għied tat-12 ta' Awissu 2008 bejn il-Federazzjoni Russa u l-Ġeorġja, b'mod partikolari d-dispożizzjoni li tiddikkjara li r-Russja tiggarrantixxi lill-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea (EUMM) aċċess mingħajr limitu għat-territorji okkupati tal-Abkażja u tar-reġjun tat-Tskhinvali/l-Ossezja tan-Nofsinhar; jenfasizza b'hekk il-ħtieġa li tkun ipprovduta stabbiltà fir-reġjuni msemmija qabel tal-Ġeorġja;
3. Liema miżuri oħra l-Kunsill għandu l-ħsieb li jieħu sabiex itejjeb il-monitoraġġ tal-attivitajiet illegali tal-Federazzjoni Russa matul il-linja ta' okkupazzjoni fil-Ġeorġja?

Imressqa: 17.12.2013

Mgħoddija: 18.12.2013

L-iskadenza għat-tweġiba: 8.1.2014